**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 50**

**IT-TLIETA 2 TA' DIĊEMBRU 2014 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 5.55pm |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER - 6.00pm |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I APPROVZZJONI TA' MINUTI

Il-Minuti tas- Seduti Nru. 48 u 49 ġew approvai hekk kif ġew emmendati. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Seduta Nru. 48</u>**

<u>Mill-Kunsillier M.Abela</u>

1. Il-Kunsillier M. Abela infurmat li x-xogħlijiet fuq il-ħajt faccata tal-bini ta' Busietta Gardens li ssema fis-Seduti preċidenti kellhom jerġghu jsiru peress li x-xogħolijiet li saru ma kienux kif titlob is-sengha ghadaqstant dawn ix-xoghlijiet qed jerghgu jsiru u din darba bdew mill-pendimenti.

2. Hija infurmat li wkoll li fil-jiem li ghaddew saru xi xogħlijiet ta' manutenzzjoni ta' l-ilma fil-Kappella tal-Madliena li ġiet irrestawrata taħt l-iskema.

3. Hija infurmat li reġa' kellha kuntatt ma' l-Inġinier N. Ellul dwar Letter of Acceptance tax-xoghhlijiet fi Triq l-Inginier. Hi ġiet infurmata li huwa għadu qed jistenna risposta mill-uffiċċjali superjuri tiegħu .Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li tinkiteb ittra uffiċċjali lic-Chairman tal-WSC u lill-Ministru u lill-Onor. Buontempo responsabli minn din l-entita' rigward din il-materja. Is Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel dan.

4. Il-Kunsillier M. Abela issuġeriet sabiex fil-parti ta' fuq li fadal ssir minn Triq il-Madliena, l-ewwel ssir il-bankina qabel ma tingħata t-tarmak. Wara diskuzzjoni, ġie deċiz li dwar dan, ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill.

<u>Mill-Kunsillier C. Said</u>

1. Il-Kunsillier C. Said staqsiet jekk saritx il-laqgħa ma' l-Assistent Kummissarju u jekk ġewx diskussi l-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-Għassa tas-Swieqi. Rigward din il-materja, il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa wkoll kellu rapporti simili u ssuġerixxa biex meta l-Pulizija jkun barra fuq xi ronda,iwaħħlu notice mal-Bieb ta' l-għassa. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jitkellem mal-Pulizija sabiex dawn iwahhlu notifika mal-bieb meta jkunu barra jaghmlu r-ronda.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

**Seduta Nru. 49**

1. Il-Kunsillier M. Abela infurmat li kellha laqgħa mar-Reġjun tat-Tramuntana fejn dawn talbu li jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill għall-attivitajiet li se jittellaw ta' l-iSports, Art & Culture. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jiġi rappreżentat mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Fenech.

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

1. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

2. Is-Sindlku rrefera għall-każ ta' Triq il-Mekkek fejn saret one-way; huwa nforma li kellu laqgħa fuq il-post inkwistjoni ma' rappreżentant tal-Kunsill Lokali tas' San Ġwann . Huwa nforma wkoll li għal din il-laqgħa, huwa stieden lill-uffiċċjali ta' Transport Malta u lis-Sindku tal-Għargħur pero' dawn baqgħu ma attendewx għal din il-laqgħa.

   Il-Kunsillier M. Abela infurmat li tixtieq toġġezjoni, peress li kien jkun xieraq li kieku hi ġiet infurmata wkoll b' din il-laqgħa bħala Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Hija ssostniet li din il-materja tinvolvi ħafna lir-residenti tal-Madliena u diversi residenti ikunttatjaw lill-Kumitat sabiex iressqu l-opinjonijiet tagħhom ghalhekk hi sosstniet li kellha tkun infurmata b'din il-laqgha. Is- Sindku saħaq li dan ma sar bl-ebda skop u nforma li hu ħass li peress li ma kienux se jiġux diskussi xi miżuri ġodda ma kienx hemm dan il-bżonn. Huwa nforma wkoll li rigward din il-materja dejjem irraporta kollox fis-Seduti tal-Kunsill.

3. Is- Sindku rrefera għas-sala tal-Komunita li bħalissa qed tintuża wkoll biex jsiru l-lezzjonijiet ta' Zumba. Huwa nforma li l-instructor se tagħti €150 lill-Kunsill bħala donazzjoni u kull parteċipant qed jintalab iħallas €20 għall-4 lezzjonijiet. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li meta s-sala tintuża għall-skopijiet kummerċjali,il-Kunsill għandu jitlob ħlas li jaghmel tajjeb ghat-tindif u ghall-ispejjez ta'dawl u ilma. Pero' meta s-sala tintuża għall-attivitajiet kulturali, din għandha tingħata bla ħlas sabiex il-Kunsill jkompli iqajjem l-inzijattiva kulturali.

4. Rigward iz-zebra crossing fi Triq is-Swieqi, is-Sindku talab sabiex issiru l-kuntatti neċċessajri mal-kuntratturi responsabli minn dawn ix-xogħlijiet sabiex jibdew mill-aktar fis. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli**

5. Is- Sindku irrefera għall-Performance Bonus tas- Segretarju Eżekuttiv; huwa ppropona sabiex dan jingħata kollu (10%) peress li l-ħidma tiegħu dejjem kienet waħda sodisfaċenti u dejjem kien ta' għajnuna kbira fl-operat ta' dan il-Kunsill. Il-Vici Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsillier A. Curmi emfazziza li ghalkemm huwa jaqbel ma' din ir-rekomandazzjoni, li jkun jaqbel jekk il-Minuti jintbaghtu fi zmien stipulat halli kulhadd ikollu l-opportunita li jsewgi sew xi jkun intqal fis-Seduta precidenti.

6. Huwa rrefera wkoll għall-estenzjoni tal-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv fi ħdan dan il-Kunsill. Is- Sindku ppropona li din għandha tiġi estiża għal sena oħra peress li s-Segretraju Eżekuttiv dejjem għamel ħiltu biex jaqdi lill-Kunsill kif ukoll lir-residenti. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Fenech issekondaw. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsillier A. Curmi irrekomanda sabiex jigi impjegat persuna maskili bhala Contracts Manager sabiex jkun jista' jassisti lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex is-Segretarju Ezekuttiv jkollu iktar hin disponnibli ghall-operat amministrattiv tal-Kunsill.

7. Is- Sindku nforma li kellu xi rapporti li fit-toroq tal-viċinanzi tal-Playing Field li hawn maġenb il-bini tal-Kunsill, xi sewwieqa qed jsuqu b' velocita qawwija. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa sabiex jitwaħħlu tabelli li jindikaw li fil-qrib hemm bandli u li juri ċar l-ammont massimu ta' veloċita li wieħed irrid javviċina f' din iż-żona. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jordnaw dawn it-tabelli.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

<u>Milll-Kunsillier A. Curmi</u>

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta huwa ppjanat li ssir il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex kulħadd jkun avżat sew minn qabel. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss titella nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar 2015. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. <u>Approvazzjoni ta' Pagamenti</u>

   Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.82 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App B), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati minn barra dawk li ghad irridu jsiru xi kjarifikazzjonijiet.

Il-Kunsillier A. Curmi talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien it-7.45pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKUIV**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li fis-6 ta' Diċembru se titella' attivita' fil-Madliena Cottage u hija diġa' tkellmet mad- Deputat Kumissarju dwar din l-attivita' peress li diversi residenti se jergħu jsoffru inkonvenjenza kbira minħabba dawn it-tip ta' attivitajiet. Id-Deputat Kummissarju informa li sfortunatament dawn l-attivitajiet jistgħu jitwaqqfu biss dak in-nhar jekk issiru rapporti li qed jkun jinħoloq strobju eċċessiv.

2. Hija nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv qed jippjana li jtella' attivita mmsejħa Spring Adventure Sports & Culture fil-bidu tas-sena dieħla. Il-fondi għal din l-attivita' huma marbutin ma' l-iskema li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u għalhekk hija se tieħu l-inkarigu li tibgħat il-formola ta' l-applikazzjoni ġa la darba il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta. Il-Viċi Sindku ppropona sabiex ma' din l-applikazzjoni jigu elnekati xi attivitajiet oħra li se jiġu orgnizzati matul is-sena fis-Swieqi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Vici Sindku talab sabiex jkun skużat. Il-ħin kien 7.30pm.

3. Hija nfurmat wkoll li se tipprova torganizza quddiesa fil-kappella tal-Madliena nhar 21 ta' Diċembru fl-10am u wara huwa pjanat li jkun hemm bibita' żgħira fejn jitqassmu xi minced pies u mulled wine relatati mal-Festi tal-Milied. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Hija staqsiet sabiex kulhadd jattendi.

Il-Kunsillier R. Rossignaud talab sabiex jkun skużat. Il-ħin kien 8.00pm.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier informa li fi Triq l-Ibrag, hemm depositary box tal-Maltapost fuq il-bankina ta' Drift (l'isfel mill-Knisja) li din rari tintuża' u li qed tillimita ħafna l-aċċess biex persuna li tuża' wheel-chair jew pram jkun jista' jkompli juża' l-bankina. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa sabiex issiru kommunikazzjonijiet neċċessarji mal-Maltapost sabiex din tkun tista' titneħħa. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel dan.

2. Huwa rrefera ghall-progett See More li fih se jippartecipaw 14-il pajjiz. Dawn qed jippjanaw li jsiru xi bicycle tarcks ghall-uzu ta' ċiklisti. Huwa ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. C.

3. Il-Kunsill gie nfurmat wkoll li l-konferenza dwar l-abbuz ta' drogi, hija pjanata li ssir nhar is-7 ta' Frar 2015. Il-programm ta' din il-konferenza jinsab inkluz ukoll fir-rapport aness bhala App. C.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Fava – ikompli

4. Huwa rraporta wkoll li l-ECAD Conference, din is-sena se ssir f' Malta fit-tieni gimgħa ta' Mejju 2015.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier informa biex jekk hu possibli terġa' ssir laqgħa ma' l-Alberta' dwar rikjest ta' xogħlijiet ġodda ( monitor tal-cameras fl-Ghassa tal-Pulizija).

2. Huwa nforma li kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-miżuri li jistgħu jittieħdu fi Triq il-Qasam ħdejn iż-żona tal-Forex Ironmongery. Il-Perit tal-Kunsill informa li se jħejji rapport bil-proposti. Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll is-Sindku.

3. Il-Kunsillier informa li l-Ġimgħa li ġej se ssir għat-tieni darba il-ġabra tal-ħgieġ bieb bieb u għalhekk jkun jaqbel jekk issiru xi avvizi fuq il-pagna uffiċċjali tal-Kunsill sabiex infakkru lir-residenti.

4. Rigward il-vetturi li jkollhom pjanċi barranin, huwa informa li resident informah li teżiżiti website fejn wieħed jista' jaċċesssa informazzjoni rigward dawn il-vetturi.Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li ssir laqgha ma' l-Ispettur tal-Pulizija dwar din il-materja.

5. Il-Kunsillier staqsa għall-stima ta' boundary wall ta' għalqa eżatt hekk kif tidħol mill-mini ta' Triq is-Swieqi. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jistaqsi lill-kuntrattur għal din l-istima.

6. Rigward l-installazjoni ta' iktar doggy-bins, il-Kunsillier staqsa jekk hux possibli li jiġu nstallati 6 oħra peress li tinħass sew il-ħtieġa ta' iktar bins fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jordna dawn il-bins.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier A. Chetcuti- ikompli

7. Rapport ta' Aġġudikazzjoni ta' Tenders

   Il-Kunsillier irrapporta li flimkien mal-Viċi Sindku u l-Membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena G. Leone Ganado pprepaw rapport bir-rekomandazzjonijiet (App. C) dwar l-aġġudikazzjoni ta' tenders msemmija hawn taħt:

   - Ġbir ta' Skat Domestiku

     Skond ir-rapport, il-Kumitat qed jissuġerixxi li tintgħażel l-offerta tas-Sur Christian Galea (Galea Cleaning Solutions) peress li din hija l-aktar vantaġġjuża u li fil-passat il-Kunsill ġa kellu kuntratt miegħu u dejjem offra servizz professjonali u fil-pront. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

   - Kwotazzjoni – Dawl Dekorattiv tal-Milied

     Skond ir- rapport, il-Kumitat qed jissuġerixxi li tintgħażel l-offerta tas- Sur Noel Borg, peress li din hija l-aktar waħda vantaġġjuża u dejjem offra servizz tajjeb lil dan il-Kunsill. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

   - Tender for Embellishment/upgrading of tennis court & clubhouse at Public Garden in Triq il-Hemel, Swieqi

     Rigward din l-offerta; is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-unika offerta giet mgħoddija lill-Viċi Sindku sabiex din tiġi diskussa mill-Kumitat ta' l-Aġidukazzjoni. Huwa nforma wkoll li din ġa kienet għand il-Perit tal-Kunsill għall-verifikazzjoni tiegħu.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsiller ikkonferma li se jitellaw' l-attivitajiet kollha pjanati msemmija fis-Seduta preċidenti marbutin mal-Festi tal-Milied. Il-Kunsillier M. Fava ikkonferma wkoll li l-Christmas Father , nhar l-20 ta' Dicembru se jkun fil-bini tal-Kunsill jilqa' rigali u jieħu ritratti ma' tfal imbagħad fit-22 ta' Dicembru jqassam l-istess rigali. Ghal dan is-servizz il-Kunsill mitlub jħallas €375 eskluza VAT. Kien hemm qbil unanimu.

   Waqt din l-attivita' importanti li jkun hemm tinda sabiex il-korijiet li se jippatecipaw ikantaw taħtha. Ghaldaqstant, is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jitlob kwotazzjoni.

**V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

1. Is- Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Perfomance Bonus ta' l-iskravani tal-Kunsill. Huwa ppropna sabiex dawn jieħdu l-massimu ta' dan il-bonus peress li tlieta dejjem kienu ta' għajnuna siewja, ħadmu b' mod professjonali u aktar minn dak mistenni minnhom. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

2. Huwa rrefera għall-panelli solari li għad hemm fuq il-bejt ta' l- uffiċju antik tal-Kunsill. Huwa nforma li dawn irridu jinqalgħu peress li huma propjeta tal-Kunsill. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li jittieħed parir mill-kumpanija li installathom u mill-Perit tal-Kunsill sabiex jekk hu possibli dawn jitwaħħlu fil-bini l-ġdid tal-Kunsill.

3. Huwa rrefera għall-Memo 103/2010 fejn hemm stipulat il-minimu ta' ħinijiet li l-uffiċċju tal-Kunsill jkun miftuħ għall-pubbliku. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivani qed jħossu l-bżonn li wara is-13:00hrs hekk kif msemmi fil-memo indikat, l-uffiċini jingħalqu għall-pubbliku biex jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħol tagħhom bħal rapporti u deposits, barra kull nhar ta' Erbgħa fejn jibqa' miftuħ sa 15:00hrs kif jagħmlu wkoll kunsilli oħra.

   Il-Kunsillier A. Chetcuti oġġezzjona peress li saħaq li din il-miżura se tkun qed toħloq inkonvenjenza għar-residenti. Is- Sindku wkoll informa li l-uffiċini tal-Kunsill għandhom jibqgħu miftuha hekk kif inhuma fil-preżent sabiex kull resident jkun moqdi aħjar.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li sabiex jkun aċċessat il-WIFI fil-ġnien ta' ħdejn il-Kunsill, l-MCA infurmat li trid tinxtara antenna. Ghaldaqstant huwa ħa l-inkairgu li jigbor kwotazzjoni ghal din l-antenna. Il-Kunsill unanimanent qabel li din tinxtata u tigi installata mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ikompli**

5. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma dwar ħsarat li garrab sewwieq fil-vettura tiegħu waqt li kien qed issuq fi Triq is-Swieqi. Dawn il-hsarat saru meta sewwieq għadda minn fuq traffic calmers ta' faccata tal-Ġnien FX Ebejer. Hu għamel ħsara fis-sump taż-żejt li tammonta għal €146.00. Is-sewwieq informa li hu diġa tkellem mas-Sindku dwar dan l-inċident. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li fis-Seduta li jmiss se jippreżenta l-irċevuti. Wara diskuzzjoni, gie deciz li persuni li jgarrbu hsarat simili irridu jipprezentaw kopja ta' rapport ufficjali tal-Pulizija u ritratti li juru b' mod car il-hsarat flimkien ma' l-ircevuti sabiex dawn jkunu jistghu jigu mghoddija lill-kumpanija ta' l-assigurazzjoni tal-Kunsill.

6. Il-Kunsil ġie nfurmat li s-Sur John Borg kellu jieqaf jagħti servizz tiegħu taħt l-iskema ta' l-ETC. Ghaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu diġa għamel kuntatt mas- Sur G. Zammit mill-ETC sabiex tinstab persuna oħra. Huwa ġie nfurmat li din l-iskema twaqqfet u għalhekk l-ETC qed jippruvaw jsibu persuna oħra minn Kunsill ieħor li tkun tista' tigi mal-Kunsill tas-Swieqi. Is-Segretarju Ezekuttiv issuġerixxa wkoll li tiġi ppublikata sejħa għall-oferta ta' Handyman Services mit-8am sa 1pm. Il-Kunsill ideċieda li jkompli jiddiskuti din il-proposta fis-Seduta li jmiss.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**